**MALTA**

**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-25 ta' Mejju, 2016.**

**Rikors Numru 880/2011 SM**

**Ian Pace *Limited***
**(C – 16722)**

**vs.**

***Supreme Travel Limited***
**(C – 16048)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors guramentat fuq indikat li permezz tieghu is-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' konvenju datat il-15 ta' Marzu, 2011, obbligat ruhha li tbiegh *tale quale* il-lancja *M.V. Carlos* I

registrata Malta bin-numru 07276 lis-socjeta` intimata, li min-naha taghha obbligat ruhha li tixtri l-istess lancja;

1.2. Illi l-konvenju indikat fil-paragrafu precedenti kien validu sas-7 ta' Gunju, 2011;

1.3. Illi l-istess konvenju gie estiz bi qbil bejn il-partijiet sas-7 ta' Lulju, 2011, u sussegwentement sal-10 t'Awwissu, 2011;

1.4. Illi permezz ta' digriet datat is-27 ta' Gunju, 2011, is-socjeta` rikorrenti giet awtorizzata tbiegh il-lancja *de quo* lis-socjeta` intimata;

1.5. Illi kopja tad-digriet in dizamina nghata lis-socjeta` intimata ftit granet wara;

1.6. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` intimata ma resqitx ghall-kuntratt in dizamina minhabba problemi finanzjarji;

1.7. Illi pprezentat ittra ufficjali datata t-8 t'Awwissu, 2011 kontra s-socjeta` intimata biex testendi d-drittijiet taghha taht l-artiklu 1357(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn talbitha tonora l-obbligi taghha skont il-konvenju;

1.8. Illi s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.9. Illi ghalhekk il-konvenju skada;

1.10. Illi ghaldaqstant, aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tordna lis-socjeta` intimata tidher fuq il-kuntratt ta' bejgh biex tixtri il-lancja fuq indikata fit-termini u kundizzjonijiet skont il-konvenju u thallas il-prezz pattwit;

1.10.2. Tiffissa gurnata hin u lok, ghall-pubblikazzjoni tal-att definittiv li ghandu jsir quddiem in-Nutar Dottor Vanessa Pool u tinnomina kuratur ghal kull eventwali kontumaci;

1.10.3. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-imghaxijiet kollha dovuti sal-pagament effettiv;

1.10.4. B'riserva ghad-danni kkagunati mis-socjeta` intimata u ghal kull azzjoni ohra lilha spettanti;

1.10.5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata l-5 t' Ottubru, 2011, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament l-azzjoni intrapriza mis-socjeta` rikorrenti hi nulla u rritwali *stante*:

2.1.1. Illi mhux konsentit lis-socjeta` rikorrenti li tipprocedi bl-azzjoni odjerna meta fl-istess hin intavolat kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn qed titlob hlas ta' danni fil-forma ta' retenzjoni ta' depozitu mhallas, u dan, fl-ammont ta' €5,900.00 kif hemm spjegat, (ara foll 4);

2.1.2. Illi s-socjeta` intimata ghandha l-fakolta`:

2.1.2.i. Jew li tressaq provi biex turi li ghandha kawza gusta biex ma tersaqx ghall-att finali;

2.1.2.ii. Jew li taccetta li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali;

2.1.3. Illi fl-ewwel ipotesi indikata fil-paragrafu precedenti s-socjeta` intimata mhix responsabbli ghal danni fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

2.1.4. Illi fit-tieni ipotesi fuq riferita, l-ebda danni ma jkunu dovuti;

2.1.5. Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta` rikorrenti qed tittanta:

2.1.5.i. Izzomm fis-sehh il-konvenju fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

2.1.5.ii. Titlob l-esekuzzjoni tal-istess konvenju;

2.1.5.iii. Fl-istess hin tippretendi li l-konvenju in dizamina skada u allura ma jistghax jigi ezegwit;

2.1.5.iv. Li d-depozitu mhallas mis-socjeta` intimata ghandhu jghaddi favur is-socjeta` rikorrenti;

2.1.6. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kellha taghzel liema triq riedet tiehu u mhux li tipprova tittenta zewg azzjonijiet konfliggenti, senjatament:

2.1.6.i. Jew li s-socjeta` intimata tixtri l-lancja *de quo*;

2.1.6.ii. Jew li l-lancja ma tinbiehx lis-socjeta` intimata u s-socjeta` rikorrenti zzomm id-depozitu;

2.1.7. Illi fid-dawl tas-suespost, is-socjeta` rikorrenti ma tistax:

2.1.7.i. Titlob lis-socjeta` intimata tixtri l-lancja *de quo*;

2.1.7.ii. U fl-istess hin izzomm id-depozitu;

2.1.8. Illi *stante* l-imsemmi konflitt, l-azzjoni intrapriza hi nulla u rritwali;

2.2. Illi l-azzjoni odjerna hi wkoll proceduralment monka *stante* li mhux konsentit li jkun hemm zewg (2) kawzi pendenti kontemporanjament quddiem qrati diversi li jiddeciedu l-istess mertu, b’riskju ta’ sentenzi konfliggenti u li jimpingu fuq xulxin;

2.3. Illi fil-mertu, l-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati *stante* li l-kuntratt finali ma setghax isir imhabba ragunijiet imputabbli lis-socjeta` rikorrenti;

2.4. Illi s-socjeta` intimata kellha kawza gusta biex ma tersaqx ghat-trasferiment tal-lancja in dizamina;

2.5. Illi l-ghan ghall-ittra ufficjali taghha tat-8 t'Awwissu, 2011, kien biss li s-socjeta` mittenti, (hawn rikorrenti), ttawwal l-effetti tal-konvenju *stante* li r-raguni ghaliex il-bejgh tal-istess ma setghax isir hi imputabbli biss lilha;

2.6. Illi b'ittra ufficjali s-socjeta` intimata infurmat lis-socjeta` rikorrenti li kellha kull intenzjoni tersaq ghax-xiri tal-lancja *de quo* skont il-kundizzjonijiet inkluzi fil-konvenju in dizamina;

2.7. Illi minflok ma s-socjeta` rikorrenti hadet il-passi necessarji ghall-istess, ipprocediet bil-kawza odjerna;

2.8. Illi effettivament ghalkemm l-istess socjeta` intimata resqet ghall-konkluzjoni tal-kuntratt *de quo*, dan ma sarx ghaliex ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti ma kienx prezenti ghall-istess appuntament;

2.9. Salv risposti ulterjuri;

2.10. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

2.11. B'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lilha;

3. Illi wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datata s-7 ta' Mejju, 2015, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 91), u kif sussegwentement estiz, (ara foll 105, 106 u 110);

4. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-30 ta' Lulju, 2015, (ara foll 92), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata l-4 ta' Jannar, 2016, (ara foll 111);

5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

7.0. Illi minn ezami tal-provi prodotti l-mertu tal-vertenza odjerna jista` jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

7.1. Illi kollox hu naxxenti minn konvenju konkluz bejn is-socjetatjiet kontendenti datat il-15 ta' Marzu, 2011, (ara foll 10 *et sequitur* u 33 *et sequitur*);

7.2. Illi permezz tal-istess is-socjeta` intimata obbligat ruhha li tixtri l-lancja bl-isem "San Carlos I", (ara foll 10 u 33), minghand is-socjeta` rikorrenti li obbligat ruhha li tbiegh l-istess lancja lill-imsemmija socjeta` intimata;

7.3. Illi l-prezz pattwit kien ta' tnejn u sittin elf Ewro, (€62,000.00);

7.4. Illi r-registrazzjoni tal-lancja in dizamina ggib in-numru 07276, (ara foll 10, 25, 33 u 37);

7.5. Illi bi ftehim bejn il-partijiet l-istess konvenju gie mgedded darbtejn:

7.5.1. L-ewwel darba: sal-10 ta' Lulju, 2011, (ara foll 36);

7.5.2. It-tieni darba: sal-10 t'Awwissu, 2011, (ara foll 14);

7.6. Illi permezz t'ittra ufficcjali datata t-8 t'Awwissu, 2011, l-istess socjeta` rikorrenti interpellat lis-socjeta` intimata biex tersaq ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' kompra-vendita tal-lancja in dizamina kif pattwit fil-konvenju datat il-15 ta' Marzu, 2011, fuq indikat, (ara paragrafu numru sebgha punt wiehed, (7.1.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in oltre jirrizulta ulterjorment is-segwenti:

8.1. Illi s-socjeta` rikorrenti istitwiet proceduri ohra kontra s-socjeta` intimata li gew decizi in prim' istanza izda ghadhom pendenti l-appell;

8.2. Illi l-iskop ta' tali procedura kien li s-socjeta` intimata tigi kkundannata ghall-hlas ta' danni fil-forma ta' retensjoni tas-somma depozitata mis-socjeta` intimata fuq il-konvenju favur is-socjeta` rikorrenti;

8.3. Illi l-ammont ta' depozitu involut hu ta' hamest elef u disgha mitt Ewro, (€5,900.00), (ara foll 36);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi z-zewg proceduri in dizamina fuq riferiti jirrizultaw pjuttost konfliggenti:

9.1. Illi dik odjerna hi intiza biex din il-qorti tordna lis-socjeta` intimata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt in dizamina; filwaqt

9.2. Illi dik quddiem qorti ohra hi intiza biex id-depozitu rilaxxat mis-socjeta` intimata fil-konvenju tal-15 ta' Marzu, 2011, jigi mizmum mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

10. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appelli Civili (Sede Inferjuri), datata t-23 ta' Novembru, 2005, fl-ismijiet *Brinx Limited vs. Francis Said et***:

> "Jibda biex jigi registrat b'osservazzjoni preliminari illi l-weghda ta' bejgh taghti lok ghal rapport obbligatorju li permezz tieghu il-partijiet kontraenti huma mpenjati ghall-manifestazzjoni ulterjuri ta' dik il-volonta` li joperaw l-effett traslattiv tal-haga permezz ta' kuntratt definittiv. Huwa pacifiku, in linea ta' principju generali, illi d-debitur ta' l-obbligazzjoni hu tenut jesegwixxi l-prestazzjoni minnu assunta skont il-modalita` miftehma u fiz-zmien prefiss. In-nuqqas ta' tali obbligazzjoni tissarraf f'inadempiment tal-obbligazzjoni li min hu hekk imputabbli jista` jigi mgieghel

jadempixxi ruhu in forma specifika, fejn dan ikun ghadu hekk possibbli, **jew li jwiegeb in via rizarcitorja ghad-danni, kagunati skont in-normi tal-Kodici Civili"**;

Ikkunsidrat:

11. Illi in vista tal-premess il-principju li jindika ir-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna hu s-segwenti:

**"electa una via, non datur recursus ad alteram"**

12. Illi in effetti, galadarba tigi maghzula risoluzzjoni partikolari tal-kuntratt, mhux koncess rikors ghal risoluzzjoni alternattiva ghal dik gia` maghzula;

13. Illi fil-kaz in dizamina s-socjeta` rikorrenti kienet rinfaccjata b'ghazla dwar il-mod kif riedet tipprocedi fil-konfront tas-socjeta` intimata wara li kienet ikkonsolidat il-konvenju fuq gia` riferit, (ara foll 10);

14. Illi jirrizulta ampjament assodat li l-ewwel ghazla tas-socjeta` rikorrenti kienet li tfittex lis-socjeta` intimata ghad-danni, u dan, tramite l-procedura inizzjata f'qorti differenti, (ara paragrafu numru tmienja, (8.), aktar qabel);

15. Illi konsegwenza diretta tad-decizjoni li tintrapprendi tali azzjoni ghal risarciment ta' danni minnha riklamati, s-socjeta` rikorrenti hi allura prekluza milli tintrapprendi l-procedura hawn in dizamina, liema procedura minflok, hi intiza biex is-socjeta` tigi ordnata mill-qorti odjerna biex taddivjeni ghal kuntratt ta' kompra-vendita fuq gia` riferit;

16.0. Illi kieku ghall-grazzja tal-argument dawn iz-zewg proceduri kellu jkollhom ezitu pozittiv fejn:

16.1. Is-socjeta` intimata tigi kkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti d-depozitu involut fil-konvenju; u **wkoll**

16.2. Is-socjeta` intimata tigi hawn ordnata taddivjeni ghal kuntratt ta' kompra-vendita in meritu;

allura s-socjeta` rikorrenti tkun qed tiggwadanja darbtejn b'hekk li tkun qeghda tigi awtorizzata tiggwadanja d-depozitu in dizamina, flimkien mall-bejgh tal-lancja *de quo*, li jfisser li tkun qed tiggwadanja doppjament – izda indebitament;

17. Illi ghalhekk dan ikun att illecitu li din il-qorti qatt ma tista` tavalla;

Ikkunsidrat:

18. Illi gialadarba fl-ewwel azzjoni minnha intrapriza s-socjeta` rikorrenti ghazlet li tintrapprendi l-procedura rigwardanti d-danni, permezz ta' din l-ghazla l-istess socjeta` rikorrenti awtomatikament ghazlet li teskludi l-utilizzar tal-azzjoni prezenti *stante* li l-ezistenza taz-zewg (2) azzjonijiet fl-istess waqt joholqu konfuzjoni legali li ma jistax jigi tollerat billi fil-kaz ta' ezitu posittiv kie fuq riferit, tkun qed issir ingustizzja mas-socjeta` intimata billi s-socjeta` rikorrenti tkun qed tigi avallata darbtejn meta mhux debitament awtorizzata taghmel dan;

**DECIDE:**

19.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` intimata pprovat it-tezi taghha kif fuq sintetikament esposta, u konsegwentement:

19.1. Tiddikjara li qed takkolji l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` intimata;

19.2. Tirrespingi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

19.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**